2023/2450

30.10.2023

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2450

tas-25 ta' Lulju 2023

li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi lista ta' servizzi essenzjali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2022/2557 għandha l-għan li tiżgura li s-servizzi essenzjali għaż-żamma ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà jew ta' attivitajiet ekonomiċi jiġu pprovduti b'mod mhux ostakolat fis-suq intern u li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi li jipprovdu tali servizzi.

(2) Għal dan il-għan u skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2557, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat li jistabbilixxi lista mhux eżawrjenti ta' servizzi essenzjali fis-setturi u s-subsetturi stabbiliti fl-Anness ta' dik id-Direttiva. Il-lista trid tintuża mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini li jwettqu valutazzjoni tar-riskju u wara l-valutazzjoni tar-riskju trid tintuża biex jiġu identifikati entitajiet kritiċi.

(3) Jenħtieġ li l-lista ta' servizzi essenzjali titfassal b'mod ġeneriku, sabiex jiġu akkomodati l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri bħad-daqs, id-densità tal-popolazzjoni, jew il-lokazzjoni ġeografika. Madankollu, jenħtieġ li tkun tkopri s-servizzi essenzjali tal-kategoriji ta' entitajiet stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva (UE) 2022/2557 biss. Għal dan il-għan, jenħtieġ li s-servizzi pprovduti minn entitajiet li jaqgħu f'dawk il-kategoriji biss jitqiesu bħala servizzi essenzjali, kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2022/2557.

(4) B'mod aktar ġenerali, jenħtieġ li l-lista ta' servizzi essenzjali tintuża fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tad-Direttiva (UE) 2022/2557. Dan jinkludi d-definizzjoni ta' servizzi essenzjali bħala servizzi li huma kruċjali għaż-żamma tal-funzjonijiet vitali tas-soċjetà, l-attivitajiet ekonomiċi, is-saħħa u s-sikurezza pubblika, jew l-ambjent, kif ukoll id-definizzjoni ta' entità tal-amministrazzjoni pubblika u d-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Skont l-Artikolu 1(6) tad-Direttiva (UE) 2022/2557, l-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-oqsma tas-sigurtà nazzjonali, is-sigurtà pubblika, id-difiża jew l-infurzar tal-liġi, inklużi l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali huma esklużi.

(5) Konsegwentement, l-attivitajiet ekonomiċi elenkati, fuq bażi mhux eżawrjenti, f'dan ir-Regolament delegat, jenħtieġ li jitqiesu biss bħala servizzi essenzjali, għall-fini ta' dan ir-Regolament delegat u d-Direttiva (UE) 2022/2557, fejn jikkwalifikaw bħala servizzi essenzjali kif definiti f'dik id-Direttiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi, skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2557, lista mhux eżawrjenti tas-servizzi essenzjali, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (5) ta' dik id-Direttiva, fis-setturi u s-subsetturi stipulati fl-Anness ta' dik id-Direttiva.

([1]) ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164.

Artikolu 2

Lista mhux eżawrjenti ta' servizzi essenzjali

Il-lista mhux eżawrjenti ta' servizzi essenzjali msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun kif ġej:

(1) is-settur tal-enerġija:

(a) is-sottosettur tal-elettriku:

(i) il-provvista tal-elettriku (*impriżi tal-elettriku*);

(ii) it-tħaddim, il-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku (*operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni*);

(iii) it-tħaddim, il-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (*operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni*);

(iv) il-ġenerazzjoni tal-elettriku (*produtturi*);

(v) is-servizz ta' operatur nominat tas-suq tal-elettriku (*operaturi nominati tas-suq tal-elettriku*);

(vi) ir-rispons tad-domanda (*il-parteċipanti fis-suq tal-elettriku*);

(vii) l-aggregazzjoni tal-elettriku (*parteċipanti fis-suq tal-elettriku*);

(viii) il-ħżin tal-enerġija (*parteċipanti fis-suq tal-elettriku*);

(b) subsettur tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali: il-forniment ta' tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali (*operaturi tat-tisħin distrettwali u t-tkessiħ distrettwali*);

(c) is-sottosettur taż-żejt:

(i) trażmissjoni taż-żejt (*operaturi ta' pipelines tat-trażmissjoni taż-żejt*);

(ii) il-produzzjoni taż-żejt (*operaturi tal-produzzjoni taż-żejt*);

(iii) ir-raffinar u t-trattament taż-żejt (*operaturi ta' faċilitajiet ta' raffinar u trattament taż-żejt*);

(iv) ħżin taż-żejt (*operaturi tal-ħżin taż-żejt*);

(v) il-ġestjoni tal-ħażniet taż-żejt, inklużi l-ħażniet ta' emerġenza u l-ħażniet speċifiċi taż-żejt (*entitajiet ċentrali ta' ħżin*);

(d) is-sottosettur tal-gass:

(i) il-provvista tal-gass (*impriża ta' forniment*);

(ii) id-distribuzzjoni tal-gass (*operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni*);

(iii) it-trażmissjoni tal-gass (*operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni*);

(iv) il-ħżin tal-gass (*operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni*);

(v) it-tħaddim ta' sistema ta' gass naturali likwifikat (LNG) (*operaturi ta' sistema LNG*);

(vi) il-produzzjoni tal-gass naturali (*impriżi tal-gass naturali*);

(vii) ix-xiri tal-gass naturali (*impriżi tal-gass naturali*);

(viii) ir-raffinar u t-trattament tal-gass naturali (*operaturi ta' faċilitajiet ta' raffinar u trattament tal-gass naturali*);

(e) subsettur tal-idroġenu:

(i) il-produzzjoni tal-idorġenu (*operaturi tal-produzzjoni tal-idroġenu*);

(ii) il-ħżin tal-idroġenu (*operaturi tal-ħżin tal-idroġenu*);

(iii) it-trażmissjoni tal-idroġenu (*operaturi tat-trażmissjoni tal-idroġenu*);

(2) is-settur tat-trasport:

(a) is-sottosettur tal-ajru:

(i) is-servizzi tat-trasport bl-ajru użati għal skopijiet kummerċjali (passiġġieri u merkanzija) (*trasportaturi bl-ajru*);

(ii) it-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-ajruporti u tal-infrastruttura tan-netwerk tal-ajruporti (*korpi ta' ġestjoni tal-ajruporti*);

(iii) is-servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (*operaturi ta' kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku*);

(b) is-subsettur ferrovjarju:

(i) is-servizzi ta' trasport bil-ferrovija (passiġġieri u merkanzija) (*impriżi ferrovjarji*);

(ii) it-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja, inklużi l-istazzjonijiet tal-passiġġieri, it-terminals tal-merkanzija, it-tarzni ferrovjarji u ċ-ċentri tal-kontroll tat-traffiku (*amministraturi tal-infrastruttura*);

(iii) it-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni ta' faċilitajiet ta' servizz ferrovjarju (*operaturi ta' faċilitajiet ta' servizz*);

(iv) it-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju, sistemi ta' kontroll-kmand u sinjalazzjoni kif ukoll l-installazzjonijiet u sistemi tat-telekomunikazzjoni użati għall-kontroll-kmand u s-sinjalazzjoni (*amministraturi tal-infrastruttura*);

(c) is-sottosettur tal-ilma:

(i) is-servizzi ta' trasport fuq ilmijiet interni, marittimi u kostali (passiġġieri u merkanzija) (*kumpaniji tat-trasport fuq l-ilma intern, marittimu u kostali*);

(ii) it-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-portijiet u tal-faċilitajiet portwarji, u t-tħaddim ta' xogħlijiet u tagħmir fil-portijiet, inklużi l-bunkering, il-ġestjoni tal-merkanzija, l-irmiġġ, is-servizzi tal-passiġġieri, il-ġbir tal-iskart iġġenerat mill-bastimenti u l-fdalijiet mill-merkanzija, il-pilotaġġ u l-irmonk (*il-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet u l-entitajiet tax-xogħlijiet tat-tħaddim u t-tagħmir li jinsabu fil-portijiet*);

(iii) is-servizzi tat-traffiku tal-bastimenti (*l-operaturi tas-servizzi tat-traffiku tal-bastimenti*);

(d) subsettur tat-toroq:

(i) il-kontroll tal-ġestjoni tat-traffiku, inklużi aspetti relatati mal-ippjanar tan-netwerks tat-toroq, servizzi ta' kontroll u ġestjoni, minbarra l-ġestjoni tat-traffiku jew it-tħaddim ta' sistemi ta' trasport intelliġenti fejn dawn ma jkunux parti essenzjali tal-attività ġenerali tal-entitajiet pubbliċi (*awtoritajiet tat-toroq*);

(ii) Servizzi ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (*operaturi ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti*);

(e) sottosettur tat-trasport pubbliku: is-servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u mezzi oħra bbażati fuq il-binarji u bit-triq (*operaturi ta' servizz pubbliku*);

(3) is-settur bankarju:

(i) it-teħid ta' depożiti (*istituzzjonijiet ta' kreditu*);

(ii) is-self (*istituzzjonijiet ta' kreditu*);

(4) is-settur tal-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji:

(i) it-tħaddim ta' ċentru tan-negozjar (*operaturi ta' ċentri tan-negozjar*);

(ii) it-tħaddim ta' sistemi tal-ikklerjar (*kontropartijiet ċentrali*);

(5) is-settur tas-saħħa:

(i) l-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa (*fornituri tal-kura tas-saħħa*);

(ii) l-analiżi mwettqa minn laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea (*Laboratorji ta' referenza tal-UE*);

(iii) ir-riċerka u żvilupp ta' prodotti mediċinali (*entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp ta' prodotti mediċinali*);

(iv) il-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi u ta' preparazzjonijiet farmaċewtiċi bażiċi (*entitajiet li jimmanifatturaw prodotti farmaċewtiċi bażiċi u preparazzjonijiet farmaċewtiċi*);

(v) il-manifattura ta' apparati mediċi meqjusa bħala kritiċi matul emerġenza tas-saħħa pubblika (*entitajiet li jimmanifatturaw apparati mediċi*);

(vi) id-distribuzzjoni ta' prodotti mediċinali (*entitajiet li għandhom awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni*);

(6) is-settur tal-ilma tax-xorb: il-provvista tal-ilma tax-xorb u d-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb minbarra d-distribuzzjoni tal-ilma għall-konsum mill-bniedem meta dan is-servizz ikun parti mhux essenzjali mill-attività ġenerali tad-distributuri li jiddistribwixxu komoditajiet u oġġetti oħra (*fornituri u distributuri tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem*);

(7) is-settur tal-ilma tax-xorb: il-ġbir, it-trattament u r-rimi tal-ilma mormi minbarra l-ġbir, ir-rimi jew it-trattament ta' ilma mormi urban, ilma mormi domestiku jew ilma mormi industrijali fejn ma jkunux parti essenzjali mill-attivitajiet ġenerali tal-impriżi (*impriżi li jiġbru, jarmu jew jittrattaw ilma urban mormi, ilma domestiku mormi u ilma industrijali mormi*);

(8) is-settur tal-infrastruttura diġitali:

(i) il-forniment u t-tħaddim ta' servizz ta' punti ta' skambju tal-Internet (*fornituri ta' Punti ta' Skambju tal-Internet*);

(ii) il-forniment ta' servizz ta' sistema tal-ismijiet ta' dominji (domain name system, DNS) għajr servizzi relatati ma' root name servers (*fornituri ta' servizzi DNS*);

(iii) it-tħaddim u l-amministrazzjoni tar-reġistri tal-ismijiet ta' dominji tal-ogħla livell (top-level domain, TLD) (*reġistri tal-ismijiet tat-TLD*);

(iv) il-forniment ta' servizzi ta' cloud computing (*fornituri ta' servizzi ta' cloud computing*);

(v) il-forniment ta' servizz ta' ċentru tad-*data* (*fornituri ta' servizzi ta' ċentru tad-data*);

(vi) il-forniment ta' networks tat-twassil tal-kontenut (*fornituri tan-network tat-twassil tal-kontenut*);

(vii) il-forniment ta' servizzi fiduċjarji (*fornituri ta' servizzi fiduċjarji*);

(viii) il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku (*fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika*);

(ix) il-forniment ta' netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni elettronika (*fornituri ta' netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni elettronika*);

(9) is-settur tal-amministrazzjoni pubblika: servizzi pprovduti minn entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika skont it-tifsira tal-Artikolu 2, punt (10), tad-Direttiva (UE) 2022/2557, ta' gvernijiet ċentrali kif definiti mill-Istati Membri f'konformità mal-liġi nazzjonali (*entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika tal-gvernijiet ċentrali*);

(10) is-settur tal-ispazju: it-tħaddim ta' infrastruttura terrestri li tkun proprjetà ta' Stati Membri ġestita u mħaddma minnhom jew minn partijiet privati li jappoġġaw il-forniment ta' servizzi spazjali, eskluż l-fornituri ta' netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika (*operaturi ta' infrastruttura terrestri*);

(11) il-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tas-settur tal-ikel (*negozji tal-ikel li huma involuti esklussivament fil-loġistika u d-distribuzzjoni bl-ingrossa u l-produzzjoni u l-ipproċessar industrijali fuq skala kbira*):

(i) il-produzzjoni u l-ipproċessar industrijali tal-ikel fuq skala kbira;

(ii) is-servizzi tal-katina tal-provvista tal-ikel, inklużi l-ħżin u l-loġistika;

(iii) id-distribuzzjoni bl-ingrossa tal-ikel.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-25 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN